MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Talba Numru. 42/2011

**Mobilise Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Melany Agius Millo (K.I. 551987M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici tghid li l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tmienja u ghxorin ewro u disgha u tmenin centezmu (€828.89) liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz ta’ telekommunikazzjoni kont numru 449965 moghti mis-socjeta’ attrici u dank if ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza; illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa’ nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-5 ta’ Frar, 2011 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tmien mija u tmienja u ghxorin ewro u disgha u tmenin centezmu (€828.89) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------